// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 197

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 59

22 ta' Lulju 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1193 tat-12 ta' Lulju 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2016)** ..... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1194 tat-12 ta' Lulju 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2016)** ..... 3

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1195 tal-4 ta' Lulju 2016 li teżenta s-servizzi tal-kurriera u servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Polonja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE** *(notifikata bid-dokument C(2016) 3986)* ([1]) ..... 4

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1196 tal-20 ta' Lulju 2016 li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2007/275/KE dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE** *(notifikata bid-dokument C(2016) 4494)* ([1]) ..... 10

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1193

**tat-12 ta' Lulju 2016**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani, (EUPOL COPPS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-17 ta' Frar 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/381 ([2]), li taħtar lis-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mis-16 ta' Frar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2015.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1129 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(4) Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1108 ([4]), li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2017.

---

([1]) ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/381 tas-17 ta' Frar 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2015) (ĠU L 64, 7.3.2015, p. 37).

([3]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1129 tas-7 ta' Lulju 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/2/2015) (ĠU L 184, 11.7.2015, p. 17).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1108 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 65).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2016.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1194

## tat-12 ta' Lulju 2016

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-7 ta' Lulju 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2015 ([2]), li taħtar is-Sinjura Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni tal-EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1107 ([3]), li testendi l-mandat tal-EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sinjura Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sinjura Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Rafah huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2016.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1128 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015) (ĠU L 184, 11.7.2015, p. 16).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1107 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 64).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1195

**tal-4 ta' Lulju 2016**

**li teżenta s-servizzi tal-kurriera u servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Polonja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 3986)*

**(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 34 u 35,

Wara li kkunsidrat it-talba li tressqet bil-posta mill-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi f'isem Poczta Polska S.A. u li waslitilha fit-2 ta' Frar 2016,

Billi:

## I. IL-FATTI

(1) Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet bil-posta talba formali min-naħa tal-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi f'isem Poczta Polska S.A. (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE. It-talba kienet akkumpanjata mill-opinjoni tal-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li s-servizzi elenkati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-eżenzjoni tagħhom abbażi tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-opinjoni ma tikdkwalifikax bħala pożizzjoni motivata u ġġustifikata fis-sens tal-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, billi hija dikjarazzjoni sempliċi li l-kundizzjonijiet imsemmija huma ssodisfati mingħajr ma ġie pprovdut l-ebda argument li jappoġġa dik id-dikjarazzjoni. Skont it-talba, il-Kummissjoni ntalbet tistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE, u l-proċeduri ta' akkwist previsti f'dik id-Direttiva, ma applikawx għal servizzi tal-kurriera u għal servizzi oħra għajr servizzi postali fil-Polonja.

(2) It-talba kienet ippreżentata mill-awtorità kompetenti — il-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, skont l-Artikolu 138f tad-dritt dwar l-akkwist pubbliku ([2]), fuq talba ta' Poczta Polska S.A. bħala entità kontraenti, bl-uffiċċju rreġistrat tagħha f'Varsavja, u mbagħad ġiet maqbula mal-President tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni u l-Ħarsien tal-Konsumatur (UOKiK) u mal-President tal-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku (UZP).

(3) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali, permezz ta' ittra elettronika bid-data tad-19 ta' Frar 2016. Din l-informazzjoni tressqet mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi permezz ta' ittra elettronika fis-26 ta' Frar 2016, fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni.

(4) Skont il-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni għandha 105 ijiem ta' xogħol biex tadotta d-deċiżjoni. L-iskadenza tagħlaq fis-7 ta' Lulju 2016.

## II. IL-QAFAS ĠURIDIKU

(5) Skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba sabiex jippermettu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 8 sa 14 ta' dik id-Direttiva mhumiex soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru li fih titwettaq, l-attività hija direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jqisu l-karatteristiċi

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.
([2]) Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-punt 907, kif emendat.

speċifiċi tas-settur ikkonċernat. Aċċess għal suq partikolari jitqies li mhuwiex ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ftuħ tas-suq rilevanti kif stabbilit fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE. Skont il-Punt F ta' dak l-Anness, id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali") (kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])) tikkostitwixxi l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi postali.

(6) Il-Polonja implimentat id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali bil-Liġi tat-23 ta' Novembru 2012 — il-Liġi Postali ([4]) li bdiet tapplika mill-1 ta' Jannar 2013, fir-rigward tas-servizzi tal-ġbir, tal-issortjar, tat-trasport u tat-tqassim ta' oġġetti u servizzi bil-kurriera fir-rigward ta' oġġetti postali mingħajr indirizz. Għal dawn is-servizzi, il-Polonja laħqet livell suffiċjenti ta' ftuħ tas-suq u l-aċċess għas-suq ma għandux jitqies li huwa ristrett skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE.

(7) Jista' jiġi osservat ukoll li l-ebda servizz minn dawk li għalihom tressqet it-talba ma kien soġġett għal monopolju legali fil-passat. Is-servizzi postali definiti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE u bid-Direttiva 2008/6/KE biss ġew riżervati għal fornituri nnominati ta' servizz universali. Bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/6/KE l-Istati Membri kollha, inkluża l-Polonja, illiberalizzaw għalkollox is-swieq postali tagħhom, u bl-eċċezzjoni tas-servizzi skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva msemmija hawn fuq, l-ebda servizz postali ma għandu jkun soġġett għal monopolju legali.

(8) It-talba tkopri attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment ta' servizzi postali u ta' servizzi oħra għajr servizzi postali, bil-kundizzjoni li dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali, li huma elenkati bħala rilevanti skont id-Direttiva 2004/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li kienet il-bażi ġuridika li fuqha ġiet ibbażata t-talba. Dawn is-servizzi huma:

(1) il-ġbir, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera,

(2) is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar

(3) is-servizzi fir-rigward ta' oġġetti postali mingħajr indirizz,

(4) is-servizzi fir-rigward ta' ordnijiet ta' flus internazzjonali,

(5) is-servizzi fir-rigward ta' ħlasijiet lejn kont bankarju,

(6) is-servizzi tal-kambju tal-munita,

(7) is-servizzi ta' senserija fir-rigward tal-ħlas tal-benefiċċji tal-pensjoni,

(8) is-servizzi fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti bankarji,

(9) is-servizzi fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti tal-assigurazzjoni,

(10) is-servizzi fir-rigward tal-ġbid ta' flus kontanti permezz tal-kards tal-ħlas,

(11) is-servizzi tal-ġarr tal-flus kontanti,

(12) is-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq,

(13) is-servizzi ta' ħżin fl-imħażen;

([1]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

([2]) Id-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji (ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21).

([3]) Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3).

([4]) Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2012, il-punt 1529.

([5]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

(9) Fost is-servizzi, għajr is-servizzi postali, koperti minn din it-talba, jiġi nnutat li s-servizzi elenkati mill-punt 4 sa 13 tal-premessa preċedenti, għalkemm huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE, mhumiex koperti mid-Direttiva 2014/25/UE. Għal dawn is-servizzi l-leġiżlatur diġà eżamina s-sitwazzjoni kompetittiva u sab li huwa l-każ li d-dixxiplina ta' din l-aħħar Direttiva ma għadhiex meħtieġa fir-rigward tal-akkwisti magħmula għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet li kienu konsegwentement esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(10) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni f'suq partikolari huwa evalwat abbażi ta' diversi kriterji, u l-ebda wieħed minnhom ma hu, fih innifsu, deċiżiv. Fir-rigward tas-swieq koperti b'din it-talba, is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin f'suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni. Fl-aħħar nett, il-kwistjoni ta' ostakli possibbli għad-dħul tista' tkun rilevanti wkoll. Billi l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma milqutin mit-talba, l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni kompetittiva għandha tikkunsidra s-sitwazzjonijiet differenti fi swieq differenti.

(11) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija li ntużaw biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE, mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk li ntużaw biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

## III. **IL-VALUTAZZJONI**

(12) L-applikant, Poczta Polska S.A., huwa entità kontraenti fit-tifsira ta' entità kontraenti fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2014/25/UE li twettaq attività marbuta mas-servizzi postali msemmija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/25/UE.

(13) Impriżi assoċjati mal-entità kontraenti, li l-applikant qed iressaq din it-talba fuq talba tagħhom, u li jwettqu l-attività li hija l-bażi tat-talba huma l-impriżi li ġejjin: Pocztowe Towarzystwo Ubezpieczeń Wzajemnych, Pocztowa Agencja Usług Finansowych S.A., Pocztylion-Arka Powszechne Towarzystwo Emerytalne S.A., Bank Pocztowy S.A.

(14) Għall-fini tal-valutazzjoni, l-attivitajiet rilevanti huma dawn li ġejjin:

(a) is-servizzi tal-ġbir, tal-issortjar, tat-trasport u tat-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera,

(b) is-servizzi fir-rigward ta' oġġetti postali mingħajr indirizz

(c) is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar,

### Servizzi tal-ġbir, tal-issortjar, tat-trasport u tat-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera,

(15) F'deċiżjonijiet preċedenti il-Kummissjoni sostniet li s-suq tas-servizzi tat-tqassim tal-posta jista' jinqasam f'servizz tal-posta bażiku u servizz tal-posta express jew bil-kurriera ([2]). Minbarra li jipprovdi servizz aktar mgħaġġel u aktar affidabbli tal-ġbir, tat-trasport u tat-tqassim, is-servizz tal-posta express huwa kkaratterizzat minn provvista ta' servizzi addizzjonali, bħall-garanzija tat-tqassim sa ċertu data, it-tqassim lill-persuna indirizzata nnifisha jew is-sejbien u t-traċċar tal-oġġetti postali matul il-proċess ta' tad-distribuzzjoni. Id-definizzjoni proposta mill-applikant hija konformi mal-preċedenti tal-Kummissjoni. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, is-suq rilevanti tal-prodotti huwa definit bħala d-distribuzzjoni ta' oġġetti bil-kurriera.

(16) F'dak li jirrigwarda s-suq ġeografiku, fid-Deċiżjonijiet preċedenti tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-kamp ta' applikazzjoni tas-swieq għas-servizzi postali, li setgħu jinkludu swieq aktar stretti (eż. servizzi ta' ittri tal-posta; servizzi tat-tqassim ta' pakketti żgħar) deher li huwa nazzjonali ([3]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li pereżempju s-suq tat-tqassim internazzjonali ta' pakketti żgħar kellu dimensjoni nazzjonali ([4]). Id-definizzjoni proposta mill-applikant hija konsistenti mal-preċedenti tal-Kummissjoni. Minħabba li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi kamp ta' applikazzjoni usa' jew idjaq tas-suq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tas-suq ġeografiku għas-servizzi tal-kurriera huwa nazzjonali.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/16/KEE tal-20 ta' Diċembru 1989 dwar il-provvista fil-Pajjiżi l-Baxxi tas-servizz tal-posta rapida (ĠU L 10, 12.1.1990, p. 47) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/456/KEE tal-1 ta' Awwissu 1990 dwar il-provvista fi Spanja ta' servizzi ta' posta rapida internazzjonali (ĠU L 233, 28.8.1990, p. 19).

([3]) Il-Każ Nru COMP/M.2908 Deutsche Post/DHL (II), il-premessa 20 u l-Każ Nru COMP/M.5152- Posten AB/Post Danmark A/S, il-premessi 64-74, COMP/M.6570 — UPS/TNT Express, il-premessa 243, il-Każ Nru COMP 39562 Slovak Post.

([4]) Il-Każ Nru COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, il-premessa 74.

(17) Fir-rigward tal-valutazzjoni dwar jekk l-attività hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant u anki meta wieħed iħares lejn l-aħħar rapport tas-swieq postali fil-Polonja ([1]), jista' jiġi stabbilit li hemm diversi operaturi attivi fis-suq għal servizzi express u bil-kurriera, inklużi s-sussidjarji tal-integraturi l-kbar kollha (jiġifieri UPS; DHL; FedEx), is-sussidjarji li għandhom l-operaturi postali nazzjonali attivi f'dan is-segment tas-suq postali (eż. DPD; GLS) u fornituri nazzjonali (eż: InPost; K-EX). Skont l-informazzjoni disponibbli ([2]), is-sehem mis-suq ta' *Poczta Polska* f'dan is-segment tas-suq kien ta' kważi 12 % f'termini ta' volum u ta' 9 % f'termini ta' fatturat fl-2014, meta mqabbel ma' kważi 3 % f'termini ta' volum u 5 % f'termini ta' fatturat fl-2013.

(18) Jidher li l-ishma mis-suq tal-kompetituri ta' Poczta Polska S.A. huma ogħla jew komparabbli għal dawk ta' Poczta Polska S.A. L-ishma mis-suq tal-akbar kompetituri f'termini ta' fatturat huma rispettivament: […] [… %] fl-2013 u […] fl-2014; […] [… %] fl-2013 u [… %] fl-2014; […] [… %] fl-2013 u [… %] fl-2014; […] [… %] fl-2013, [… %] fl-2014; […] [… %] fl-2013 u [… %] fl-2014 ([3]);

(19) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 15 sa 18 għandhom jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni ta' din l-attività fil-Polonja. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, għandu jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fil-Polonja.

### Servizzi ta' oġġetti postali mingħajr indirizz

(20) Il-posta ta' reklamar mingħajr indirizz hija kkaratterizzata min-nuqqas ta' indirizz ta' destinazzjoni partikolari li jidentifika lid-destinatarju individwali finali. Hija posta ta' reklamar mhux mitlub, li tissodisfa ċerti kriterji bħalma huma: il-piż, il-format, il-kontenut u l-preżentazzjoni uniformi għad-distribuzzjoni lejn grupp ta' destinatarji.

(21) F'deċiżjonijiet preċedenti il-Kummissjoni sostniet li s-suq għas-servizzi ta' tqassim tal-posta jista' jinqasam fi swieq tal-posta bl-indirizz u swieq tal-posta mingħajr indirizz ([4]).

(22) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-UKE u filwaqt li titqies il-prattika eżistenti tal-Kummissjoni, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, is-suq rilevanti tal-prodotti huwa definit bħala servizzi relatati mad-distribuzzjoni ta' oġġetti postali mingħajr indirizz.

(23) Skont il-prassi preċedenti tal-Kummissjoni, it-tqassim ta' posta mingħajr indirizz ġeografiku huwa nazzjonali fil-prinċipju, peress li n-netwerks tat-tqassim huma organizzati fil-livell nazzjonali, aktarx hemm differenzi fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri differenti u l-parti l-kbira tal-oġġetti postali mingħajr indirizz huma materjal ta' reklamar, fejn il-lingwa hija fattur importanti għall-udjenza fil-mira (= id-destinatarji). Id-definizzjoni proposta mill-applikant hija konsistenti mal-preċedenti tal-Kummissjoni. Minħabba li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi kamp ta' applikazzjoni usa' jew idjaq tas-suq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tas-suq ġeografiku għas-servizzi ta' oġġetti postali mingħajr indirizz huwa nazzjonali.

(24) Jidher li l-ishma mis-suq tal-kompetituri ta' Poczta Polska S.A. huma ogħla jew komparabbli għal dawk ta' Poczta Polska S.A. L-ishma mis-suq tal-akbar kompetituri f'termini ta' fatturat huma rispettivament: […] f'termini ta' fatturat [… %] fl-2013, fi [… %] fl-2014; […] [… %] fl-2013, [… %] fl-2014; […] [… %] fl-2013, [… %] fl-2014; Is-sehem mis-suq ta' Poczta Polska S.A. kien baxx meta mqabbel mal-kompetituri tagħha u kien jammonta għal 6,2 % f'termini ta' volum u għal 13,94 % f'termini ta' fatturat fl-2014 ([5]).

(25) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba u filwaqt li jitqies ir-rapport tal-UKE tal-2014, jidher li f'dan is-suq *Poczta Polska* għandha ħafna kompetituri. Billi *Poczta Polska* kellha sehem stabbli mis-suq fl-2013 u fl-2014 u fid-dawl tal-fatt li ma hemm kważi l-ebda ostaklu għad-dħul f'dan is-suq, wieħed jista' jassumi b'ċertezza li bħalissa hija esposta għal kompetizzjoni diretta u se jkollha tħabbat wiċċha ma' restrizzjonijiet kompetittivi anke fil-futur qarib.

([1]) It-tabella 17, p. 35 tar-rapport ta' Urzad Komunikacji Elektronicznej tal-2014.
([2]) Raport o stanie rynku pocztowego za rok 2014, p. 44.
([3]) […] informazzjoni kunfidenzjali.
([4]) Il-Każ Nru COMP/M.5152- Posten AB/Post DanmarkA/S.
([5]) It-tabella 20, p. 46 tar-rapport ta' Urząd Komunikacji Elektronicznej tal-2014

(26) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 20 sa 25 għandhom jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni ta' din l-attività fil-Polonja. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, għandu jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fil-Polonja.

**Servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar**

(27) Is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar jiġu offruti bħala pakkett ta' servizzi għall-forniment fi kwantitajiet kbar, u din hija prattika komuni marbuta ma' kwantitajiet kbar ta' korrispondenza. Il-pakkett jinkludi, fost affarijiet oħra, ir-riċevuta tad-dokumenti, l-istampar, l-għata u l-kisi, l-ippakkjar.

(28) Sabiex tiżdied il-kosteffiċjenza, proċessi interni bħal dawn ta' sikwit jiġu esternalizzati minn kumpaniji lil partijiet terzi.

(29) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-UKE u filwaqt li titqies il-prattika eżistenti tal-Kummissjoni ([1]), għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, is-suq rilevanti tal-prodotti huwa definit bħala servizzi relatati mal-istampar u mal-ippakkjar ta' oġġetti postali.

(30) Skont il-preċedenti tal-Kummissjoni, is-suq tat-tqassim għas-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar fil-prinċipju huwa nazzjonali. Qabelxejn, il-faċilità tal-istampar hija organizzata fuq livell nazzjonali, minkejja li jista' jkun il-każ li xi stampar isir barra t-territorju nazzjonali. Barra minn hekk, hemm differenzi fil-prezzijiet bejn Stati Membri differenti. Kif ukoll, il-biċċa l-kbira ta' dawn is-servizzi jitwettqu għal spedituri nazzjonali attwali jew potenzjali bl-għan li jottimizzaw il-proċessi interni tagħhom u jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom.

(31) Id-definizzjoni proposta mill-applikant hija konsistenti mal-preċedenti tal-Kummissjoni. Minħabba li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi kamp ta' applikazzjoni usa' jew idjaq tas-suq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tas-suq ġeografiku għas-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar huwa nazzjonali.

(32) Is-sehem mis-suq ta' Poczta Polska S.A. huwa baxx ħafna u kien jammonta għal 1,17 % biss fl-2014 ([2]).

(33) L-ishma mis-suq tal-kompetituri ta' Poczta Polska S.A. huma ogħla b'mod sinifikanti. L-ishma mis-suq tal-akbar atturi f'termini ta' fatturat huma kif ġej: Emerson Polska sp. z o.o. S.K.A. 28,4 % fl-2013 u 24,6 % fl-2014; Unizeto Technologies S.A. 21,2 % fl-2013 u 21,0 % fl-2014; Inforsys S.A. 17,8 % fl-2013 u 20,7 % fl-2014 ([3]).

(34) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba u filwaqt li jiġi kkunsidrat ir-rapport tal-UKE tal-2014, jista' jiġi konkluż li bħalissa Poczta Polska S.A. hija esposta għal kompetizzjoni diretta u se jkollha tħabbat wiċċha ma' restrizzjonijiet kompetittivi anke fil-futur prevedibbli.

(35) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 27 sa 34 għandhom jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni ta' din l-attività fil-Polonja. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, għandu jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fil-Polonja.

## IV. **IL-KONKLUŻJONI**

(36) Minħabba l-fatturi eżaminati fil-premessi 3 sa 35, il-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stipulata fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, għandha titqies li hija ssodisfata fil-Polonja, fir-rigward tas-servizzi li ġejjin:

(a) il-ġbir, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera,

(b) l-oġġetti postali mingħajr indirizz,

(c) is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar,

([1]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/184/UE tat-2 ta' April 2014 li teżenta ċertu servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (ĠU L 101, 4.4.2014, p. 4), il-premessa 76.
([2]) Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-applikant.
([3]) Ibid.

(37) Minħabba li l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li ġiet issodisfata, id-Direttiva 2014/25/UE la għandha tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsuba biex jippermettu l-għoti tas-servizzi tal-ġbir, tal-issortjar, tat-trasport u tat-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera, is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar, is-servizzi tal-oġġetti postali mingħajr indirizz fil-Polonja, u lanqas meta jiġu organizzati konkorsi tad-disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(38) Din id-Deċiżjoni hi bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali kif kienet mit-2 ta' Frar 2016 sat-23 ta' Marzu 2016, kif toħroġ mill-informazzjoni mressqa mill-applikant, u mir-rapport tal-UKE tal-2014. Din tista' tiġi reveduta, jekk bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ġuridika jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux issodisfati.

(39) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u li huma maħsuba biex jippermettu l-għoti tas-servizzi segwenti fil-Polonja:

(a) il-ġbir, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti bil-kurriera,

(b) l-oġġetti postali mingħajr indirizz,

(c) is-servizzi tal-istampar u tal-ippakkjar,

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Elżbieta BIEŃKOWSKA
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1196

## tal-20 ta' Lulju 2016

## li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2007/275/KE dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE

*(notifikata bid-dokument C(2016) 4494)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE ([3]) tistipula li l-annimali u l-prodotti elenkati fl-Anness I tagħha għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli veterinarji fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera skont id-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE ("il-kontrolli veterinarji"). Id-Deċiżjoni 2007/275/KE tistipula wkoll deroga minn kontrolli veterinarji bħal dawn dan għal ċerti prodotti komposti u għall-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness II tagħha.

(2) Il-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/275/KE telenka l-annimali u l-prodotti skont in-Nomenklatura Magħquda ("NM"), kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([4]). Din il-lista tintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħala l-ewwel pass fl-għażla tal-kunsinni li jridu jiġu sottomessi għall-kontrolli veterinarji.

(3) Sa mid-data meta ġiet adottata d-Deċiżjoni 2007/275/KE, il-kodiċijiet NM stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ġew aġġornati bosta drabi, u l-aktar emendi reċenti huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 ([5]). Billi saru bosta emendi fil-kodiċijiet NM għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, jenħtieġ li l-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/275/KE tiġi aġġornata sabiex tqis dawk l-emendi.

(4) F'diversi titli tan-NM u kodiċijiet tan-NM elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/275/KE, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jirrappreżentaw biss parti żgħira tal-prodotti inklużi fit-titlu jew fil-kodiċi rilevanti tan-NM. F'każijiet bħal dawn, il-kolonna 3 tal-lista msemmija hawn fuq tirreferi għal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni applikabbli u tipprovdi dettalji tal-annimali u tal-prodotti li jridu jiġu soġġetti għal kontrolli veterinarji. Filwaqt li jitqiesu t-terminoloġija u r-referenzi f'leġiżlazzjoni veterinarja oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li dawk ir-referenzi fid-Deċiżjoni 2007/275/KE jiġu aġġornati sabiex ikunu allinjati mal-leġiżlazzjoni veterinarja attwali tal-Unjoni.

(5) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/275/KE tiġi aġġornata sabiex tqis l-emendi li saru fil-kodiċijiet NM u fil-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/275/KE jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE. (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 285, 30.10.2015, p. 1).

(6) Il-prodotti komposti u l-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/275/KE ma għandhomx jiġu sottomessi għal kontrolli veterinarji. Għaldaqstant, dawn jenħtieġ li jkunu identifikabbli b'mod ċar u għandhom jintrabtu mal-kodiċijiet NM tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li ċerti prodotti komposti u oġġetti tal-ikel jitħassru mil-lista stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/275/KE. Għaldaqstant, jenħtieġ li dik il-lista tiġi emendata skont dan.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/275/KE tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2007/275/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2007/275/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-KAPITOLU 2, it-tabella hi ssostitwita b'dan li ġej:

| "Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0201 | Laħam ta' annimali bovini, frisk jew imkessaħ | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0202 | Laħam ta' annimali bovini, iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0203 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0204 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0205 00 | Laħam taż-żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tal-irkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0206 | Ġewwieni li jittiekel ta' annimali bovini, majjali, nagħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tal-irkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0207 | Laħam u ġewwieni li jittiekel, tat-tjur tat-titolu 0105, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0208 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat. | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi.<br>Dan ikopri materja prima oħra għall-produzzjoni tal-ġelatina jew tal-kollaġen għall-konsum mill-bniedem. Ikopri l-laħam u l-ġewwieni li jittiekel kollu mis-sottotitoli li ġejjin:<br>0208 10 (tal-fniek jew tal-liebri)<br>0208 30 00 (tal-primati)<br>0208 40 (tal-balieni, tad-dniefel u tal-foċeni (mammiferi tal-ordni Cetacea); tal-lamantini u tad-dugongi (mammiferi tal-ordni Sirenia); tal-foki, tal-iljuni tal-baħar u tal-odobeni (mammiferi tas-subordni Pinnipedia)).<br>0208 50 00 (tar-rettili, inklużi s-sriep u l-fkieren)<br>0208 60 00 (tal-iġmla u kamelidi oħra (Camelidae))<br>0208 90 (oħrajn: tal-ħamiem domestiku, tal-annimali tal-kaċċa għajr tal-fniek jew tal-liebri): ikopri l-laħam tas-summien, tar-renna jew ta' kull speċi oħra ta' mammiferi. Ikopri s-saqajn taż-żrinġijiet taħt il-kodiċi NM 0208 90 70. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0209 | Xaħam tal-majjal, mingħajr ebda dgħif, u xaħam tal-pollam, mhux immaċinat jew estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat. | Kollha, ikopri kemm xaħam kif ukoll xaħam ipproċessat kif deskritt fil-kolonna 2, anki jekk adattat biss għall-użu industrijali (mhux adattat għall-konsum mill-bniedem). |
| 0210 | Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u pasti mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittieklu. | Kollha, ikopri l-laħam, il-prodotti tal-laħam u prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali.<br>Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum mill-bniedem mhijiex koperta minn dan il-kodiċi.<br>Ikopri l-proteini pproċessati tal-annimali u l-widnejn tal-qażquż imnixxfin għall-konsum mill-bniedem. Anki meta t-tali widnejn tal-qażquż imnixxfin jintużaw bħala għalf għall-annimali, l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1125/2006 (*) jikkjarifika li dawn jistgħu jiġu koperti mill-kodiċi 0210 99 49. Madankollu, il-fdalijiet u l-widnejn tal-qażquż imnixxfin li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jaqgħu taħt il-kodiċi 0511 99 85.<br>L-għadam għall-konsum mill-bniedem huma koperti taħt it-titolu 0506.<br>Iz-zalzett huwa kopert taħt it-titolu 1601.<br>L-estratti u s-sugu tal-laħam huma koperti taħt it-titolu 1603.<br>Il-qrieqeċ huma koperti taħt it-titolu 2301. |

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1125/2006 tal-21 ta' Lulju 2006 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 3)."

(b) Fil-KAPITOLU 5, it-tabella qed tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrata għat-titolu 0506 qed tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "0506 | Għadam u ċ-ċentri tal-qrun, mhux maħduma, bix-xaħam imneħħi, sempliċement ippreparati (iżda mhux maqtugħin għall-forma), it-trattati bl-aċidu jew deġelatinizzati; it-trab u l-fdal ta' dawn il-prodotti. | Ikopri l-għadam użat bħala mgħid tal-klieb u l-għadam għall-produzzjoni tal-ġelatina, jew tal-kollaġen jekk ikunu derivati minn karkassi li jkunu nqatlu għall-konsum mill-bniedem.<br>Id-dqiq tal-għadam għall-konsum mill-bniedem huwa kopert taħt it-titolu 0410.<br>Rekwiżiti speċifiċi għal prodotti bħal dawn mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem huma stabbiliti fir-Ringiela 6 (trofej tal-kaċċa) u fir-Ringiela 11 (għadam u prodotti tal-għadam (għajr l-għadam mitħun), qrun u prodotti tal-qrun (għajr il-qrun mitħun) u qwieqeb u prodotti tal-qwieqeb (għajr qwieqeb mitħuna) għal użijiet minbarra bħala materjal ta' għalf, fertilizzant organiku jew materjal li jtejjeb il-ħamrija) u r-Ringiela 12 (affarijiet tat-tgerrim mill-klieb) tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

(ii) L-entrata għall-kodiċi NM 0508 00 00 hi ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 0508 00 00 | Korall u materjal simili, mhux maħdumin jew sempliċiment ippreparati iżda mhux maħdumin mod ieħor; qxur ta' molluski, krustaċji jew ekinodermi u għadam tas-siċċ, mhux maħduma jew sempliċement ippreparati iżda mhumiex maqtugħin għall-forma, trab u fdal li joħroġ minnhom. | Qxur vojta għall-użu fl-ikel u għall-użu bħala materja prima għall-glukożammina.<br>Barra minn hekk, il-qxur, inkluż l-għadam tas-siċċ, b'laħam jew tessut artab, kif imsemmi fil-punt (k)(i) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 huma koperti." |

(iii) L-entrata għat-titolu ex 0511 qed tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 0511 | Il-prodotti mill-annimali mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin tal-Kapitolu 1 jew 3, li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem. | Kollha, ikopri s-sottotitoli 0511 10 sa 0511 99.<br>Ikopri materjal ġenetiku (semen u embrijuni li ġejjin mill-annimali bħall-ispeċi bovina, ovina, kaprina, ekwina u porċina) u prodotti sekondarji tal-annimali ta' materjali tal-Kategoriji 1 u 2, kif imsemmi fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>Dawn li ġejjin huma eżempji ta' prodotti mill-annimali li jaqgħu taħt is-sottotitoli 0511 10 sa 0511 99:<br>0511 10 00 (semen bovina).<br>0511 91 (prodotti tal-ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn): kollha, ikopri bajd tal-ħut għat-tifqis, annimali mejta, prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi u għall-farmaċewtiċi u prodotti tekniċi oħra. Ikopri annimali mejtin kif imsemmi fil-Kapitolu 3, mhux tajbin biex jittieklu jew ikklassifikati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, pereżempju, daphnids, magħrufin bħala brieghed tal-ilma, u ostrakoda jew fillopodi oħrajn, imnixxfa, biex jitimgħu ħut tal-akkwarju; ikopri l-lixka tal-ħut.<br>ex 0511 99 10 (ligamenti jew għeruq; bċejjeċ u skart simili ta' ġlud mhux maħdumin).<br>Il-kontrolli veterinarji huma meħtieġa għall-ġlud mhux maħdumin kif imsemmi fil-punt C 2 tal-Kapitolu V tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk f'konformità mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>ex 0511 99 31 (sponoż naturali mhux ipproċessati li joriġinaw mill-annimali): kollha, jekk għall-konsum mill-bniedem; jekk mhux għall-konsum mill-bniedem, dawk intiżi għall-annimali domestiċi biss. Rekwiżiti speċifiċi għal nuqqas ta' konsum mill-bniedem huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | ex 0511 99 39 (għajr sponoż naturali mhux ipproċessati li joriġinaw mill-annimali): kollha, jekk għall-konsum mill-bniedem; jekk mhux għall-konsum mill-bniedem, dawk intiżi għall-annimali domestiċi biss. Rekwiżiti speċifiċi għall-konsum mhux mill-bniedem huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>0511 99 85 (prodotti mill-annimali oħra mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin tal-Kapitolu 1 mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem): kollha: l-embrijuni, l-ova, is-semen u l-materjal ġenetiku mhux kopert mill-kodiċi 0511 10 u tal-ispeċijiet għajr l-annimali bovini li jaqgħu taħt dan t-titolu. Ikopri l-prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel tal-annimali domestiċi jew prodotti tekniċi oħrajn.<br>Ikopri xagħar taż-żiemel mhux trattat, prodotti ta' apikultura għajr xama' għall-apikultura jew użu tekniku, spermaċeti għal użu tekniku, annimali mejta msemmija fil-Kapitolu 1 li ma jittiklux jew li mhumiex għall-konsum mill-bniedem (pereżempju: klieb, qtates, insetti), materjal tal-annimali fejn il-karatteristiċi essenzjali ma jkunux tbiddlu, u d-demm tal-annimali li jittiekel li mhux derivat mill-ħut, għall-konsum mill-bniedem." |

(c) Qed jiddaħħal il-KAPITOLU 6 li ġej:

*"KAPITOLU 6*

**Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali**

**Kummenti ġenerali**

Dan il-kapitolu jkopri spawn għall-faqqiegħ f'kompost ta' demel sterilizzat li ġej mill-annimali.

**Estratt min-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata**

0602 90 10 Spawn għall-faqqiegħ:

Spawn għall-faqqiegħ huwa t-terminu mogħti lil xibka ta' ħjut fraġli (Thallus jew Mycelium), li ħafna drabi tinsab taħt l-art, li tgħix u tikber fuq is-superfiċje ta' materjal ta' annimali jew veġetali li jkun qed jiddekomponi u li tiżviluppa fit-tessuti nnifishom u tipproduċi l-faqqiegħ.

Dan is-sottotitolu jinkludi wkoll prodott magħmul minn spawn għall-faqqiegħ, mhux kompletament żviluppat, li jitqiegħed f'ammonti mikroskopiċi fuq strat ta' ħbub tal-qamħ magħluqin f'kompost ta' demel taż-żwiemel sterilizzat (taħlita ta' tiben u demel taż-żwiemel).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 0602 90 10 | Spawn għall-faqqiegħ | Biss, jekk ikun fih demel ipproċessat li joriġina mill-annimali u r-regoli speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

(d) Fil-KAPITOLU 12, it-titolu huwa emendat kif ġej:

**"Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef"**

(e) Il-KAPITOLU 15 huwa emendat kif ġej:

(i) Fil-"Kummenti ġenerali", fit-Taqsima bit-titolu "Estratt min-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata", qed jiġu miżjuda l-paragrafi li ġejjin:

"It-titolu **1518** ikopri taħlitiet jew preparazzjonijiet li ma jittiklux ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew tal-ħxejjex jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti tal-Kapitolu, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra.

Din il-parti tkopri, *inter alia*, iż-żejt tal-qali użat li fih, pereżempju, żejt tal-kolza, żejt tas-sojja u kwantità żgħira ta' xaħam tal-annimali, għall-użu fil-preparazzjoni tal-għalf tal-annimali."

(ii) It-tabella hija emendata kif ġej:

— l-entrata għall-kodiċi NM 1505 00 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "1505 00 | Xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluża l-lanolina). | Kollha, xaħam tas-suf importat bħala xaħam imdewweb (grass immaċinat) kif stabbilit fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jew il-lanolina importata bħala prodott intermedju kif stabbilit fl-Anness XII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

— l-entrati għall-kodiċijiet NM 1518 00 95 u 1518 00 99 huma ssostwiti b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 1518 00 95 | Taħlitiet jew preparazzjonijiet li ma jittiklux ta' xaħmijiet u żjut tal-annimali jew tal-annimali u tal-ħxejjex u l-frazzjonijiet tagħhom. | Xaħmijiet u preparazzjonijiet ta' żjut, grass immaċinat u d-derivattivi derivati mill-annimali; inkluż iż-żejt tat-tisjir użat, maħsub biex jintuża skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>Id-derivattivi tax-xaħam prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 1518 00 99 | Oħrajn | Jekk ikun fih ix-xaħam mill-annimali biss." |

(f) Fil-KAPITOLU 16, fit-tabella, l-entrata għall-kodiċi NM 1603 00 u għat-titoli 1604 u 1605 huma ssostwiti b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "1603 00 | Estratti u sugu tal-laħam, tal-ħut jew tal-krustaċji, tal-molluski jew ta' invertebrati akkwatiċi oħrajn. | Kollha, ikopri l-estratti tal-laħam u konċentrati tal-laħam, ikopri l-proteini tal-ħut f'forma ta' ġel sew jekk imkessħin sew jekk iffriżati, ikopri l-qarquċa tal-klieb il-baħar. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1604 | Ħut ippreparat jew ippreservat; kavjar u sostituti tal-kavjar ippreparati mill-bajd tal-ħut: | Kollha, preparazzjonijiet kulinari msajra jew imsajra minn qabel li fihom il-ħut jew il-prodotti tas-sajd jew imħallta magħhom. Ikopri s-surimi bil-kodiċi NM 1604 20 05.<br>Ikopri ħut fil-laned u kavjar fil-laned f'kontenituri bla arja, kif ukoll sushi (sakemm dawn ma jridux jiġu kklassifikati taħt kodiċi NM imsemmi fil-Kapitolu 19).<br>Il-prodotti tal-ħut imħallta bl-għaġin huma koperti mit-titolu 1902.<br>L-hekk imsejħa skewers tal-ħut (laħam tal-ħut/gambli mhux ipproċessat bil-ħaxix ippreżentati fuq stikka tal-injam) huma kklassifikati bil-kodiċi NM 1604 19 97.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni. |
| ex 1605 | Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra, ippreparati jew ippreservati: | Kollha, inkluż il-bebbux ippreparat b'mod sħiħ jew ippreparat minn qabel. Ikopri l-krustaċji fil-laned, jew invertebrati akkwatiċi oħra kif ukoll trab tal-maskli.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(g) Fil-KAPITOLU 17, fit-tabella, l-entrata għall-kodiċi NM 1702 11 00 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 1702 | Zokkrijiet oħra, inklużi l-lattożju, il-maltożju, il-glukożju u l-fruttożju kimikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx taħwir jew koloranti miżjudin; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma' għasel naturali. | Għasel artifiċjali, lattożju, taħlitiet ta' għasel naturali u artifiċjali u taħlitiet li fihom il-lattożju.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(h) Qed jiddaħħal il-KAPITOLU 18 li ġej:

*"KAPITOLU 18*

**Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw**

**Kummenti ġenerali**

Dan il-kapitolu jkopri l-prodotti mill-annimali u l-prodotti komposti li fihom prodotti mill-annimali pproċessati.

**Noti tal-Kapitolu 18 (estratt min-Noti ta' dan il-Kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87)**

Dan il-kapitolu ma jkoprix il-preparazzjonijiet tat-titli 0403, 1901, 1904, 1905, 2105, 2202, 2208, 3003 jew 3004.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1806 | Ċikkulata u preparazzjonijiet tal-ikel oħra li fihom il-kawkaw. | Li fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, pereżempju, prodotti tal-ħalib.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(i) Fil-KAPITOLU 19, it-tabella qed tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrata għat-titolu 1901 qed tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 1901 | Estratt tax-xgħir; il-preparazzjonijiet tal-ikel mid-dqiq, mill-groats (xgħir u barli mitħun oħxon), mill-pasta, mil-lamtu jew mill-estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 %, bil-piż, tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment bla xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel mill-prodotti tat-titoli 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas min 5 %, bil-piż, tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra. | Dawk li fihom inqas minn 20 % ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali biss, ikopri l-ikel tat-trabi ab-bażi tal-ħalib, ikopri pizez mhux imsajrin li l-ingredjenti ta' fuqhom joriġinaw mill-annimali.<br>Il-preparazzjonijiet kulinari huma koperti mill-Kapitoli 16 and 21.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(ii) L-entrata li ġejja qed tiddaħħal wara l-entrata għall-kodiċi NM ex 1902 40 u qabel l-entrata għall-kodiċi NM ex 1904 90 10:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 1904 10 10 | Ikel ippreparat miksub billi jintefaħ jew jinxtewa l-qamħirrum. | Dawk li fihom inqas minn 20 % ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali biss, pereżempju, dawk imsemmija fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 443/2013 (*), u li huma soġġetti għal kontrolli veterinarji skont il-punt (c) tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni. |

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 443/2013 tas- 7 ta' Mejju 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 130, 15.5.2013, p. 17)."

(iii) L-entrata għat-titolu ex 1905 qed tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 1905 | Patisseries. | Ikopri dawk il-preparazzjonijiet li jkun fihom inqas minn 20 % ta' laħam jew prodotti mill-annimali oħra, pereżempju:<br>ex 1905 32 91: Waffles u wejfers mimlija bil-laħam jew bil-ġobon (pereżempju: burek);<br>ex 1905 32 99: waffles u wejfers mimlija bi prodotti mill-annimali minbarra l-laħam jew il-ġobon;<br>ex 1905 90: pizza jew quiche imsajra jew imsajra minn qabel, mimlija jew miksija bi prodotti mill-annimali;<br>ex 1905 90 90: Jekk ma jistax jinħażen fit-tul.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(j) Il-KAPITOLU 21 huwa emendat kif ġej:

(i) Fin-"Noti tal-Kapitolu 21", qed jiżdiedu n-noti addizzjonali li ġejjin:

**"Noti addizzjonali**

….

5. Preparazzjonijiet tal-ikel oħra ppreżentati f'dożi mkejla, bħal pereżempju, kapsuli, pastilji u pilloli, u li huma maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel għandhom ikunu kklassifikati taħt it-titolu 2106, sakemm ma jkunux speċifikati jew inklużi band'oħra."

(ii) It-tabella hija emendata kif ġej:

— l-entrata għat-titolu ex 2104 hija ssostitwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 2104 | Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom; preparazzjonijiet tal-ikel komposti omoġenizzati. | Ikopri preparazzjonijiet li jkun fihom prodotti mill-annimali, inkluż l-ikel għat-trabi f'kontenituri b'kontenut ta' piż nett li ma jaqbiżx 250 g.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

— l-entrati għall-kodiċi NM 2106 90 92 u ex 2106 90 98 huma ssostwiti b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 2106 90 92 | Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, li ma fihom ebda xaħam tal-ħalib, sukrożju, iżoglukożju, glukożju jew lamtu jew li fihom, bil-piż, anqas minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew iżoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu. | Ikopri preparazzjonijiet tal-ikel (pereżempju, supplimenti tal-ikel) li jkun fihom prodotti mill-annimali, pereżempju, iżolat ta' proteina tax-xorrox, kondrojtina, glukożammina, kitosan, karbonat tal-kalċju, isfar tal-bajd likwidu, immellaħ u pasturizzat, żjut tal-annimali (pereżempju, żejt tal-ħut f'kapsuli), b'sustanzi oħra jew mingħajrhom.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2106 90 98 | Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra. | Ikopri preparazzjonijiet tal-ikel (pereżempju: supplimenti tal-ikel, fondue tal-ġobon) li jkun fihom prodotti mill-annimali, pereżempju l-kondrojtina, il-glukożammina, iż-żjut tal-annimali (pereżempju, iż-żejt tal-ħut f'kapsuli).<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(k) Fil-KAPITOLU 22, fit-tabella, l-entrata għall-kodiċi NM ex 2202 90 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 2202 90 91 | Xorb mhux alkoħoliku ieħor, li mhuwiex meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tat-titolu 2009 u li fih inqas minn 0,2 % bil-piż ta' xaħam miskub mill-prodotti tat-titoli 0401 sa 0404. | Ikopri xorb mhux alkoħoliku li fih prodotti pproċessati mill-annimali, pereżempju, xarbiet tal-jogurt b'biċċiet taċ-ċereali, kafè jew xarbiet taċ-ċikkulata.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni. |
| ex 2202 90 95 | Xorb mhux alkoħoliku ieħor, li mhuwiex meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tat-titolu 2009 u li fih 0,2 % jew aktar iżda inqas minn 2 % bil-piż ta' xaħam miskub mill-prodotti tat-titoli 0401 sa 0404. | Ikopri xorb mhux alkoħoliku li fih prodotti pproċessati mill-annimali, pereżempju, xarbiet tal-jogurt b'biċċiet taċ-ċereali, kafè jew xarbiet taċ-ċikkulata.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni. |
| ex 2202 90 99 | Xorb mhux alkoħoliku ieħor, li mhuwiex meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tat-titolu 2009 u li fih 2 % jew aktar bil-piż ta' xaħam miskub mill-prodotti tat-titoli 0401 sa 0404. | Ikopri xorb mhux alkoħoliku li fih prodotti pproċessati mill-annimali, pereżempju, xarbiet tal-jogurt b'biċċiet taċ-ċereali, kafè jew xarbiet taċ-ċikkulata.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni. |
| ex 2208 70 | Likuri u kordjali | Il-likuri li jinkludu l-ispirti, li jikkonsistu f'emulsjonijiet tal-ispirtu bi prodotti mill-annimali bħalma huma l-isfar tal-bajd jew il-krema.<br>Għal prodotti komposti, ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni." |

(l) Fil-KAPITOLU 23, fit-tabella, l-entrata għat-titolu ex 2309 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 2309 | Preparazzjonijiet ta' tip li jintużaw fl-għalf tal-annimali. | Kollha, jekk ikun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr is-sottotitoli 2309 90 20 u 2309 90 91.<br>Ikopri, fost affarijiet oħra, ikel tal-klieb jew tal-qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut (bis-sottotitolu 2309 10), li jkun fih prodotti mill-annimali u sustanzi li jinħallu tal-ħut jew tal-mammiferi tal-baħar (bil-kodiċi NM 2309 90 10). Prodotti għal finijiet ta' għalf tal-annimali, inklużi taħlitiet ta' pasti (bħal qawqab u qrun).<br>Dan it-titolu jkopri ħalib likwidu, kolostru u prodotti li fihom prodotti tal-ħalib, kolostru jew karboidrati, ilkoll mhux għall-konsum mill-bniedem iżda għall-għalf tal-annimali.<br>Ikopri l-ikel tal-annimali domestiċi, il-mgħid tal-klieb u t-taħlitiet ta' pasti, it-taħlitiet jistgħu jinkludu insetti mejta.<br>Rekwiżiti speċifiċi għall-ikel tal-annimali domestiċi inkluż il-mgħid tal-klieb huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>Ikopri prodotti tal-bajd mhux għall-konsum mill-bniedem u prodotti pproċessati oħra li joriġinaw mill-annimali li mhumiex għall-konsum mill-bniedem.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti tal-bajd huma stabbiliti fir-Ringiela 9 tat-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

(m) Fil-KAPITOLU 29, fit-tabella, l-entrata għall-kodiċi NM ex 2932 99 00 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 2922 49 | Amminoaċidi oħra, ħlief dawk li fihom aktar minn tip wieħed ta' funzjoni ta' ossiġenu, u l-esteri tagħhom; il-melħ tagħhom. | Il-materja prima li toriġina mill-annimali biss użata għas-supplimenti tal-ikel jew għall-għalf tal-annimali. |
| ex 2925 29 00 | Imini oħra u d-derivattivi tagħhom għajr il-Klordimeform (ISO); il-melħ tagħhom. | Kreatina li toriġina mill-annimali. |
| ex 2930 | Komposti organiċi bil-kubrit: | Ċerti amminoaċidi li joriġinaw mill-annimali:<br>ex 2930 90 13 Ċisteina u ċistina;<br>ex 2930 90 16 Derivattivi taċ-ċisteina jew taċ-ċistina. |
| ex 2932 99 00 | Komposti eteroċikliċi oħra b'eteroatomu(i) tal-ossiġnu biss. | Jekk joriġinaw mill-annimali biss, pereżempju, il-glukożammina, il-glukożammina-6-fosfat u s-sulfati tagħhom. |
| ex 2942 00 00 | Komposti organiċi oħrajn | Jekk joriġinaw mill-annimali biss." |

(n) Fil-KAPITOLU 30, it-tabella qed tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrata għall-kodiċi NM 3001 90 91 hi ssostwita b'dan li ġej

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3001 90 91 | Sustanzi tal-annimali ppreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi: l-eparina u l-melħ tagħha. | Il-prodotti kollha tal-annimali, li huma maħsuba għal aktar ipproċessar skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 sabiex jikkonformaw mad-definizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 33 tal-istess Regolament." |

(ii) L-entrata għall-kodiċi NM ex 3002 10 99 hi ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3002 10 98 | Frazzjonijiet oħra tad-demm u prodotti immunoloġiċi, sew jekk modifikati jew miksuba permezz ta' proċessi bijoteknoloġiċi sew jekk le | Materjal li ġej mill-annimali biss." |

(o) Fil-KAPITOLU 31, fit-tabella, l-entrata għall-kodiċi NM ex 3101 00 00 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3101 00 00 | Fertilizzanti tal-annimali jew veġetali, sew jekk imħalltin flimkien jew trattati kimikament sew jekk le; fertilizzanti prodotti permezz tat-taħlit jew tat-trattament kimiku ta' prodotti mill-annimali jew prodotti veġetali. | Prodotti dderivati mill-annimali biss f'forma mhux adulterata.<br>Ikopri l-gwanu għajr il-gwanu mineralizzat.<br>Ikopri d-demel imħallat bi proteina pproċessata mill-annimali, jekk jintuża bħala fertilizzant. iżda t-taħlitiet tad-demel u tas-sustanzi kimiċi użati bħala fertilizzanti huma esklużi (ara t-titolu 3105, li jkopri biss il-fertilizzanti minerali jew kimiċi).<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għad-demel, għad-demel ipproċessat jew għall-prodotti tad-demel ipproċessat huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3105 10 00 | L-oġġetti ta' dan il-kapitolu f'għamla ta' pilloli jew forom simili jew f'imballaġġ ta' piż gross li ma jaqbiżx l-10 kg. | Fertilizzanti li jkun fihom prodotti dderivati mill-annimali biss.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għad-demel, għad-demel ipproċessat jew għall-prodotti tad-demel ipproċessat huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

(p) Qed jiddaħħlu l-KAPITOLU 32 u 33 li ġejjin:

*"KAPITOLU 32*

**Estratti għall-ikkonzar jew għall-kolorazzjoni; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħat, pigmenti u koloranti oħra; żebgħat u verniċi; stokk u mastiċi oħra; linek**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3204 | Kolorant organiku sintetiku, sew jekk definit kimikament sew jekk le; preparazzjonijiet kif speċifikati fin-nota 3 għal dan il-kapitolu bbażati fuq kolorant organiku sintetiku; prodotti organiċi sintetiċi ta' tip użati bħala aġenti brillaturi fluworexxenti jew bħala luminofori, sew jekk definiti kimikament sew jekk le. | Id-dispersjonijiet tal-kulur fil-bażi tax-xaħam fil-ħalib biss, użati għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf. |

*KAPITOLU 33*

**Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kożmetiċi jew tat-twaletta**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3302 | Taħlitiet ta' sustanzi li jfewħu u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' wieħed jew aktar minn dawn is-sustanzi, tat-tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħra bbażati fuq sustanzi li jfewħu, tat-tip użati għall-manifattura tax-xorb. | It-taħwir fil-bażi tax-xaħam fil-ħalib biss, użat għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf." |

(q) Fil-KAPITOLU 35, it-tabella qed tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrata għall-kodiċi NM ex 3503 00 hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "3503 00 | Ġelatina (inkluża l-ġelatina f'folji rettangolari [inklużi dawk kwadri], sew jekk bil-wiċċ maħdum jew ikkulurit sew jekk le) u d-derivattivi tal-ġelatina; isinglass; kolol oħra li joriġinaw mill-annimali, għajr il-kolol tal-kaseina tat-titolu 3501. | Ikopri l-ġelatina għall-konsum mill-bniedem u għall-industrija tal-ikel.<br>Il-ġelatina kklassifikata bit-titolu 3913 (il-proteini mwebbsa) u bit-titolu 9602 (ġelatina maħduma u mwebbsa u oġġetti ta' ġelatina mhux imwebbsa), pereżempju, kapsuli vojta jekk mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, huma esklużi mill-kontrolli veterinarji.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-ġelatina u għall-proteina idrolizzata mhux għall-konsum mill-bniedem u fit-Taqsima 11 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV ta' dak ir-Regolament għall-fotoġelatina." |

(ii) Qed tiżdied l-entrata li ġejja:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3507 90 90 | Enzimi oħra minbarra kimożina u konċentrati tagħhom jew lipoproteina lipażi jew proteażi alkalina tal-aspergillus. | Jekk ikunu joriġinaw mill-annimali u jintużaw fl-industrija tal-ikel, pereżempju, pepsin jew enzimi b'45 % ta' lattożju." |

(r) Il-KAPITOLU 38 huwa emendat kif ġej:

(i) In-Noti li ġejjin qed jiddaħħlu wara t-titolu u qabel it-tabella:

**"Noti tal-Kapitolu 38 (estratt min-Noti ta' dan il-Kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87)**

4. Fin-nomenklatura kollha, "skart muniċipali" tfisser skart ta' tip li jinġabar mid-djar, lukandi, ristoranti, sptarijiet, ħwienet, uffiċċji, eċċ., knis tat-triq u tal-bankina, kif ukoll skart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ. L-iskart muniċipali ġeneralment ikun fih varjetà kbira ta' materjali bħal plastik, gomma, injam, karta, tessuti, ħġieġ, metalli, materjali tal-ikel, għamara mkissra u oġġetti oħrajn imkissrin jew mormijin. …."

(ii) It-tabella hija emendata kif ġej:

— L-entrati għall-kodiċi NM 3822 00 00 u ex 3825 10 00 huma ssostwiti b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3822 00 00 | Reaġenti dijanjostiċi jew tal-laboratorju fuq rinforz, reaġenti ppreparati dijanjostiċi jew tal-laboratorju sew jekk fuq rinforz sew jekk le, għajr dawk tat-titolu 3002 jew 3006; materjali ta' referenza ċċertifikati. | Li ġejjin minn prodotti tal-annimali biss, ħlief mezz mediku kif definit fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE (*) u mezzi mediċi dijanjostiċi *in vitro* kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 98/79/KE (**). |
| ex 3825 10 00 | Skart muniċipali. | L-iskart tal-kejtering li fih prodotti tal-annimali biss, jekk dan ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, għajr l-iskart tal-kejtering li joriġina direttament minn mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment u li jintrema skont l-Artikolu 12(d) tal-istess Regolament.<br>Żejt tal-ikel użat huma maħsub biex jintuża fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, pereżempju, għall-fertilizzant organiku jew għall-bijogass, jista' jkun kopert minn dan il-kodiċi NM. |

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).
(**) Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi *in vitro* (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1)."

— L-entrata għall-kodiċi NM 3826 00 qed titħassar.

(s) Fil-KAPITOLU 39, it-tabella qed tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrata għall-kodiċi NM ex 3913 90 00 fit-tabella hija ssostwita b'dan li ġej:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3913 90 00 | Polimeri naturali oħra (għajr l-aċidu alġiniku, il-melħ u l-esteri tiegħu) u polimeri naturali modifikati (pereżempju, proteini mwebbsa, derivattivi kimiċi ta' gomma naturali), mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, f'forom primarji. | Derivati minn prodotti tal-annimali biss, pereżempju, sulfat tal-kondrojtin, kitosan, ġelatina mwebbsa." |

(ii) Qed jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "ex 3926 90 92 | Oġġetti oħrajn tal-plastiks u oġġetti ta' materjali oħrajn tat-titli 3901 sa 3914 magħmula mill-folja. | Kapsuli vojta ta' ġelatina mwebbsa għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3926 90 97 | Oġġetti oħrajn tal-plastiks u oġġetti ta' materjali oħrajn tat-titli 3901 sa 3914 li mhumiex magħmula mill-folja. | Kapsuli vojta ta' ġelatina mwebbsa għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011." |

(t) Il-KAPITOLU 71 li ġej qed jiddaħħal wara l-KAPITOLU 67:

*"KAPITOLU 71*

**Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti magħmula minnhom; ġojjelli artifiċjali; muniti**

**Opinjoni ta' Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata 7101.21/1:** Il-gajdri li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem, li fihom perla kultivata waħda jew aktar, ippreservati fis-salmura u mqiegħda f'kontenituri tal-metall mitbuqa.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 7101 21 00 | Perli kultivati mhux maduma. | Jinkludu gajdri li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem, li fihom perla kultivata waħda jew aktar, ippreservati fis-salmura jew b'metodi differenti, ippakkjati f'kontenituri mitbuqa.<br>Perli kultivati mhux maħduma kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 sakemm ma jkunux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 kif stipulat fil-punt (f) tal-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament." |

(u) Il-KAPITOLU 96 li ġej qed jiddaħħal wara l-KAPITOLU 95:

*"KAPITOLU 96*

**Oġġetti mmanifatturati varji**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9602 00 00 | Ġelatina maħduma, mhux imwebbsa (għajr il-ġelatina tat-titolu 3503) u oġġetti tal-ġelatina mhux imwebbsa. | Kapsuli vojta ta' ġelatina mhux imwebbsa għall-ikel għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-konsum mill-annimali." |

(v) Il-KAPITOLU 99 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"KAPITOLU 99*

**Kodiċijiet tan-nomenklatura kkombinati speċjali**

*Subkapitolu II*

**Kodiċijiet statistiċi għal ċerti movimenti speċifiċi tal-merkanzija**

**Kummenti ġenerali**

Dan il-kapitolu jkopri l-annimali, l-ikel li joriġina mill-annimali, il-prodotti komposti u l-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn pajjiżi terzi u li jitwasslu lil bastimenti u inġenji tal-ajru fi ħdan l-Unjoni Ewropea skont il-proċedura ta' tranżitu doganali (T1). Deroga mill-kundizzjonijiet tal-importazzjoni dwar is-saħħa pubblika tal-Unjoni Ewropea hija applikabbli għall-ikel li joriġina mill-annimali u għall-prodotti komposti, li jitwasslu lill-bastimenti skont l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 97/78/KE, b'ħażna temporanja jew mingħajrha f'żoni liberi approvati, fi mħażen liberi jew doganali.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9930 24 00 | L-oġġetti tal-Kapitoli 1 sa 24 tan-NM li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | L-ikel li joriġina mill-annimali, inklużi l-prodotti komposti maħsuba għall-provvista lill-bastimenti kif stipulat fl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 97/78/KE. |
| ex 9930 99 00 | Oġġetti kklassifikati band'oħra li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | L-ikel li joriġina mill-annimali, inklużi l-prodotti komposti maħsuba għall-provvista lill-bastimenti kif stipulat fl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 97/78/KE." |

(2) L-Anness II huwa sostitwit bit-test li ġej:

*"ANNESS II*

**Lista ta' prodotti komposti u prodotti alimentari mhux soġġetti għal kontrolli veterinarji kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(b) ta' din id-Deċiżjoni**

Din il-lista tistabbilixxi l-prodotti komposti u l-prodotti alimentari skont in-nomenklatura tal-merkanzija li qed tintuża fl-Unjoni li ma jridux jgħaddu minn kontrolli veterinarji f'post ta' spezzjoni fil-fruntiera.

Noti li jirrigwardaw it-tabella:

**Kolonna (1) — il-kodiċi NM**

Din il-kolonna tindika l-kodiċi NM. In-NM, stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (SA) imfassla mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li saret l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), u adottata mill-Konvenzjoni Internazzjonali, konkluża fi Brussell, fl-14 ta' Ġunju 1983, u approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni 87/369/KEE ("il-Konvenzjoni SA"). In-NM tirriproduċi t-titoli u s-sottotitoli tas-SA sa sitt figuri, u s-seba' u t-tmien figuri biss joħolqu sottotitoli ulterjuri li huma speċifiċi għaliha.

Meta jintuża kodiċi b'erba' figuri: sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-prodotti komposti u l-prodotti alimentari kollha prefissi b'dawn l-erba' figuri jew koperti minnhom, mhumiex meħtieġa jgħaddu minn kontrolli veterinarji f'post ta' spezzjoni fil-fruntiera.

Meta jkunu biss ċerti prodotti speċifikati taħt kwalunkwe kodiċi ta' erba', sitt jew tmien figuri li fihom prodotti tal-annimali u fin-NM ma tkun teżisti l-ebda sottodiviżjoni speċifika taħt dan il-kodiċi, il-kodiċi jiġi mmarkat **ex** (pereżempju, **ex 2001 90 65:** il-kontrolli veterinarji mhumiex meħtieġa għall-prodotti deskritti fil-Kolonna (2)).

**Kolonna (2) — Spjegazzjoni**

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti komposti u l-prodotti alimentari koperti bid-deroga mill-kontrolli veterinarji fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera. Meta jkun meħtieġ, il-veterinarji uffiċjali fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera jridu jevalwaw l-ingredjenti ta' prodott kompost u ta' prodott alimentari u jispeċifikaw, jekk il-prodott mill-annimali li hemm fil-prodott kompost u fil-prodott alimentari huwiex ipproċessat biżżejjed li ma jkunx jeħtieġ il-kontrolli veterinarji stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

| Kodiċi NM | Spjegazzjonijiet |
|---|---|
| (1) | (2) |
| 1704, 1806 20, 1806 31, 1806 32, 1806 90 11, 1806 90 19, 1806 90 31, 1806 90 39, 1806 90 50 | Ħlewwiet (inkluż il-ħelu) u ċikkulata, li fihom inqas minn 50 % ta' prodotti tal-bajd u tal-ħalib ipproċessati u ttrattati kif stipulat fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni. |
| 1902 19, 1902 30, 1902 40 | Għaġin u taljarini mhux imħallta jew mimlija bi prodotti tal-laħam; li fihom inqas minn 50 % ta' prodotti tal-bajd u tal-ħalib ipproċessati u ttrattati kif stipulat fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni. |
| 1905 10, 1905 20, 1905 31, 1905 32, 1905 40, 1905 40 10, 1905 90 10, 1905 90 20, 1905 90 30, 1905 90 45, 1905 90 55, 1905 90 60, ex 1905 90 90; | Ħobż, kejkijiet, gallettini, waffles u wejfers, biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti mixwija simili; li fihom inqas minn 20 % ta' prodotti tal-bajd u tal-ħalib ipproċessati u ttrattati kif stipulat fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni.<br>1905 90 ikopri biss prodotti nixfin u li jitfarrku malajr. |
| ex 2001 90 65, ex 2005 70 00<br>ex 1604 | Żebbuġ mimli b'inqas minn 20 % ta' ħut<br>Żebbuġ mimli b'aktar minn 20 % ta' ħut |
| ex 2104 10 u ex 2104 20 | Stokkijiet u ħwawar tas-sopop ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom anqas minn 50 % ta' żjut tal-ħut, trab tal-ħut jew estratti tal-ħut u ttrattati kif stipulat fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni. |
| ex 2106 10, ex 2106 90 | Supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom ammonti żgħar (inqas minn 20 % b'kollox) ta' prodotti ppproċessati mill-annimali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin u/jew il-kitosan) għajr il-prodotti tal-laħam." |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT